MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 282/2016 LM

**Busuttil Silvio**
*('l-appellant')*

***vs.***

**MG Linea Moda Ltd**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Silvio Busuttil** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet t-talbiet tiegħu fil-konfront tas-soċjetà

konvenuta **MG Linea Moda Limited** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], kif ġej:

> *“Għal dawn il-motivi taqta’ u tiddeċiedi illi filwaqt illi tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta fir-Risposta tagħha, tilqa’ t-tielet eċċezzjoni u tiddikjara l-azzjoni attriċi preskritta a tenur tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attur fir-Rikors promutur.*
>
> *Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.”*

## Fatti

2. L-attur istitwixxa proċeduri kontra s-soċjetà konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti fejn talab li din tiġi ikkundannata tħallsu l-ammont ta’ disat elef, sitt mija u ħamsa u erbgħin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€9,645.85) dovuti lilu bħala drittijiet u spejjeż għal servizzi ta’ awditjar u ta’ *accountancy* mogħtija minnu fil-kapaċità tiegħu ta’ *accountant* u awditur.

3. Is-soċjetà konvenuta wieġbet li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, wara li eċċepiet li l-kawża proposta mill-attur hija affetta bl-illeċitu u bħala tali m’għandha l-ebda effett u għandha minnufih titwarrab *ai termini* tal-artikoli 987 sa 991 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ġie eċċepit ukoll li l-attur mhux il-leġittimu kontradittur f’dawn il-proċeduri, u li l-azzjoni kkontemplata minnu hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li hija m’għandha tagħti xejn lill-attur.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru, 2021, l-Ewwel Qorti iddeċidiet il-vertenza billi ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà konvenuta fir-risposta tagħha, laqgħet it-tielet eċċezzjoni, u b'hekk iddikjarat li l-azzjoni ttentata mill-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti hi tal-fehma li għandha qabel xejn tistħarreġ u tiddetermina t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għaliex din tinċidi fuq l-azzjonabilità tad-domanda attriċi nnifisha b'dan illi jekk l-eċċezzjoni tintlaqa', jintilef id-dritt tal-azzjoni u l-kawża ma tkunx tista' tissokta.*

*Iżda qabel xejn, għandu jiġi osservat illi għall-Qorti, l-eċċezzjoni kif imfassla ftit tagħmel sens – il-leġittimu kontradittur m'huwa ħadd ħlief il-parti li tkun ġiet imħarrka in ġudizzju biex twieġeb in kontradittorju għad-domanda tal-attur u żgur li ma jista' qatt jirreferi għall-persuna nnifisiha li tkun ipproponiet l-azzjoni. Il-Qorti fehmet li hu ovvju li dak illi riedet tfisser is-soċjetà konvenuta b'din l-eċċezzjoni, huwa illi l-attur Silvio Busuttil m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jippromwovi f'ismu personali, azzjoni għall-ħlas tas-servizzi allegatament reżi u b'hekk hija nieqsa l-leġittimità attiva tiegħu biex iressaq l-azzjoni.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Lulju, 1952 fil-kawża fl-ismijiet* ***Edgar Baldacchino et vs Rosie Bellizzi et****, ġie ritenut illi:-*

"... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt" – l'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione è infondata e inammissibile."

*L-interess ġuridiku ta' min jipproponi l-azzjoni ġiet deskritta bħala* "l-miżura tal-azzjoni" *(fn. 2: Vol. XXXVII Part 2 paġna 608) u* "l-bażi tal-azzjoni" *(fn. 3: Vol. XXIX Part 1 paġna 89) u għalhekk jassumi importanza massima u determinanti mhux biss għall-fini tal-istituzzjoni tal-azzjoni iżda wkoll għat-tkomplija tagħha. Fil-fatt, l-interess ġuridiku, li wara kollox jirradika d-dritt tal-parti attriċi li toqgħod fil-ġudizzju, irid jissussisti tul il-proċediment kollu sas-sentenza finali għaliex mitluf dak id-dritt, jintilef*

*ukoll l-obbligu għas-smigħ. (fn. 4: ara in propositu: Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et, Appell Ċivili, deċiż 19 ta' Mejju, 2004)*

*Imbagħad, kif ġie riaffermat mill-Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti tas-26 ta' Jannar, 2018 (fn. 5:* ***Emily Stivala et v. Paola Tabone****), l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku hija eċċezzjoni ta' natura perentorja u bħala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proċeduri, anke fi stadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serja fuq l-eżitu, li tista' tiġi sollevata* ex officio *mill-Qorti.*

*Il-prinċipji li jikkwalifikaw l-interess li għandu f'kull każ jiġi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, ġew elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2003 fil-kawża* ***Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et:-***

"(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;
(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;
(iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha;
(iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tkunx twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;
(v) l-interess ġuridiku irid jibqa' jissussisti tul il-ħajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;
(vi) l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-motiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat; ... "*(fn. 6: ara wkoll is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***It-Tabib Charles Delicata et vs Alfred Borg*** *tat-28 ta' Frar, 2017:- "*it-talba tal-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tiegħu. Għalhekk objettivament l-iskop ta' kull kawża huwa sabiex l-attur jerġa' jitqiegħed fl-eżerċizzju jew tgawdija sħiħa tal-jeddijiet tiegħu. Il-funzjoni u l-oneru tal-ġudikant huwa li jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u jaċċerta ruħhu mid-drittijiet tal-attur sabiex jasal u jistabbilixxi jekk teżistix xi vjolazzjoni tal-jedd, kif ukoll jekk għandhiex isseħħ it-tneħħija ta' tali vjolazzjoni ...".

*Ikkunsidrat;*

*Illi din l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta jidher li hija bbażata fondamentalment fuq l-allegazzjoni illi d-drittijiet u spejjeż reklamati, jekk inhuma verament dovuti, mhumiex dovuti lill-attur Silvio Busuttil iżda lis-soċjetà Sailon Group Limited jew lil Busuttil Group Limited għaliex – dejjem skont it-teżi vantata mis-soċjetà konvenuta – huma effettivament dawn l-entitajiet li ħarġu l-fatturi għall-ħlas tal-ammonti pretiżi u mhux l-attur personalment.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi hija ma rriskontrat fl-atti l-ebda* letter of engagement *kif imsemmi mill-attur fix-xhieda tiegħu u tosserva wkoll illi kuntrarjament għal dak li sostna ripetutament l-attur, ir-Rikors promutur ma kellu mehmuż miegħu ebda dokument kwalsiasi. Kemm hu hekk, m'hemm l-ebda referenza fl-istess Rikors promutur għal xi dokument li kellu jiġi anness miegħu. Effettivament, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi teżisti konfużjoni sħiħa fost il-fatturi esebiti fl-atti, anke bejn id-dokumenti esebiti mill-attur innifsu. Għalhekk sejra, biex tiddetermina l-eżistenza ta' interess ġuridiku fl-attur* de proprio *fl-azzjoni kif proposta minnu bir-Rikors promutur, tagħmel referenza u tistrieħ safejn possibbli, fuq id-dokumenti esebiti mis-soċjetà konvenuta nnifisha in sostenn ta' din l-eċċezzjoni sollevata minnha stess.*

*Minkejja din l-osservazzjoni preliminari, għandu jingħad illi wara li fliet l-atti u x-xhieda, il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi ma għandha l-ebda dubju illi effettivament, l-attur Silvio Busuttil personalment għandu interess ġuridiku manifest fl-azzjoni għall-ħlas tas-servizzi ta'* accountancy *u awditjar imsemmija fir-Rikors promutur ta' din il-kawża. Din il-konklużjoni waslet għaliha abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*L-attur xehed (fn. 7: xhieda tas-6 ta' Diċembru, 2017; fol. 51-53) illi huwa kien ġie avviċinat f'Awwissu 2012 fejn intalab iwaqqaf il-kumpannija, ċioe s-soċjetà konvenuta, u in segwitu sabiex jagħmel* servicing *ta' din l-istess kumpannija. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu* f'accounting, auditing *ta' taxxa, mili ta' dokumentazzjoni għall-MFSA kif ukoll konsulenza mal-banek. Sostna wkoll illi dawn ġew reżi minnu personalment matul is-snin 2012, 2013 u 2014 u sa Diċembru 2014 huwa kien għadu jipprattika l-professjoni ta' awditur f'ismu personali. Huwa xehed illi kien biss sussegwentement wara li ma baqax jipprattika l-professjoni f'ismu personali li huwa beda juża l-isem Sailon Group u imbagħad, Busuttil Group. (fn. 8: ara email mibgħut minn David Busuttil fl-4 ta' Marzu, 2016 fejn jirriżulta li sar* rebranding *tat-*trade name *Sailon Group għal Busuttil Group). L-attur, ikkonfrontat bil-fatt illi l-fatturi għall-ħlas reklamat f'din il-kawża, esebiti mis-soċjetà konvenuta (fn. 9: Dok. CSH, Dok. CSH1 u dokument a fol. 9 sa 15 tal-atti), inħarġu minn Busuttil Group of Companies b'talba li l-ħlas isir lil Busuttil Group Ltd., jispjega illi peress li l-fatturi li kien ħareġ baqgħu ma*

*tħallsux u huwa ma baqax joffri servizzi ta' awditjar f'ismu personali, il-pagament dovut kien qed jinġabar bl-użu tal-isem tad-ditta Busuttil Group.*

*Fir-rigward, David Busuttil li xehed li meta l-ammonti pendenti u dovuti lil missieru baqgħu ma tħallsux, huwa kien għamel eżerċizzju fuq talba tad-direttur tas-soċjetà konvenuta sabiex dan tal-aħħar jista' jifhem aħjar l-ammonti pendenti. Dan billi qabad il-fatturi oriġinali li kien ħareġ missieru, ħejja riassunt, jew rendikont simplifikat – il-*position statement *(fn. 10: Dok. CSH) – u reġa' ħareġ il-fatturi kollha pendenti taħt it-*trade name *Busuttil Group jew Sailon Group, għaliex dak iż-żmien is-sistema tagħhom kienet diġà nqalbet fuq l-isem "Sailon". Dawn il-fatturi u* statements *ġew mgħoddija lis-soċjetà konvenuta wara li ġie applikat skont fuq l-ammont totali pretiż, bil-ħsieb illi forsi b'hekk jintlaħaq kompromess u l-ammonti pendenti finalment jitħallsu. David Busuttil fisser fix-xhieda tiegħu illi s-soċjetà konvenuta esebiet biss dawk l-istess dokumenti li nħarġu b'riżultat ta' dan l-eżerċizzju li huwa wettaq fuq talba tal-istess soċjetà konvenuta (fn. 11: ara xhieda David Busuttil in kontro-eżami, 21 ta' Marzu, 2018) u baqgħet ma pproduċietx il-fatturi oriġinarjament maħruġa lilha mill-attur.*

*Il-Qorti tosserva illi x-xhieda tal-attur u ta' David Busuttil fir-rigward mhux biss mhijiex kontradittorja kif issostni s-soċjetà konvenuta, iżda ma ġietx kontradetta bi provi kuntrarji u għalhekk ma tqisx li tista' tiskarta l-verżjoni tagħha fir-rigward. Kemm hu hekk, din il-verżjoni ġiet affermata minn Susan Fiteni li fix-xhieda tagħha kienet kategorika meta fissret illi hija dejjem kienet tara* invoices *maħruġin minn Silvio Busuttil f'ismu proprju u l-fatturi tax-xogħol kollu kienu joħorġu fuq l-istess Silvio Busuttil. Hi xehdet hekk: -*

"Dejjem nikkonferma illi l-fatturi li kont nara jien, dejjem kienu joħorġu f'isem Silvio Busuttil u mhux minnu dak li qed jiġi suġġerit lili li kienu joħorġu f'isem kumpannija oħra." (*fn. 12: fol. 45 u 46. Ix-xhud xehdet li ħadmet għall-attur sal-2013).*

*Għalkemm huwa minnu illi r-*requests for payment *u l-*istatement of account *esebiti mis-soċjetà konvenuta nnifisha, inħarġu fuq* letterhead *ta' Busuttil Group of companies, fl-istess waqt, abbażi tal-provi li tressqu mill-attur, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi in kwantu fil-fatturi esebiti mis-soċjetà konvenuta nnifisha (fn. 13: Dok. CSH u dokument a fol. 9 sa 15 tal-atti), il-pagament ġie mitlub li jsir lil Sailon Group Limited u lil Busuttil Group Limited (fn. 14: ara* requests for payment *fol. 14 u 15), mhijiex attendibbli l-verżjoni li dawn is-servizzi ġew reżi mill-attur għan-nom ta' xi waħda jew oħra minn dawn il-kumpanniji stante illi filwaqt li hemm qbil illi r-relazzjoni mal-attur ġiet terminata fis-sena 2014, mill-provi jirriżulta illi l-kumpannija bin-numru ta' reġistrazzjoni C-63049 bidlet isimha għal Sailon Group Ltd biss fis-17 ta' Frar, 2015*

*filwaqt li kien biss fl-10 ta' Marzu, 2016 li isem din il-kumpannija tbiddlet għal Busuttil Group Ltd. Għalkemm hu minnu li l-kumpannija bin-numru ta' reġistrazzjoni C-3049 kienet diġà mwaqqfa u inkorporata qabel is-17 ta' Frar, 2015, din kienet reġistrata bl-isem MAR Group Limited u ma kinitx teżisti uffiċjalment bl-isem Sailon Group Ltd jew Busuttil Group Ltd. Kemm hu hekk, is-soċjetà bl-isem MAR Group Ltd ma tirraffigura mkien fl-atti u l-provi f'din il-kawża u speċifikatament, ma tinsab indikata imkien fil-fatturi jew* requests for payment *maħruġin lis-soċjetà konvenuta. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tqis bis-serjetà t-teżi li s-servizzi pprestati fl-2013 u fl-2014, li l-ħlas tagħhom qed jiġi mitlub fil-fatturi (fn. 15: ossia* requests for payment *a fol. 14 u 15), ġew reżi minn din il-kumpannija taħt xi wieħed mill-ismijiet li kellha matul iż-żmien.*

*Dan ifisser ukoll illi l-ismijiet Busuttil Group u Sailon Group setgħu kienu biss ismijiet ta' ditta jew negozju mingħajr personalità ġuridika, li kienu jintużaw mill-attur fil-ħidma professjonali tiegħu.*

*Barra minn hekk, jirriżulta illi l-parti l-kbira mill-fatturi – dejjem dawk esebiti mis-soċjetà konvenuta stess – jindikaw kjarament illi l-ħlas kellu jsir lil Saviour Busuttil bħala l-benefiċjarju. Il-Qorti tqis illi l-fatt illi jista' jkun minnu illi f'uħud mill-fatturi s-soċjetà konvenuta ġiet mitluba tħallas lil Busuttil Group Limited jew Sailon Group Limited mhuwiex biżżejjed biex ixejjen l-interess ġuridku tal-attur anke għaliex il-jedd tal-kreditur illi jidderiġi lid-debitur iħallas lil terzi ma jfissirx illi l-persuna li tirċievi l-ħlas tiġi mdaħħla fil-jeddijiet tal-kreditur. Dan il-prinċipju nsibuh fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1152(1) li jipprovdi:* "Il-ħlas għandu jsir lill-kreditur, jew lill-persuna li jkollha mingħandu, mill-qorti jew mil-liġi, is-setgħa li tirċievi l-ħlas." *Fuq kollox, ma tressqet l-ebda prova in atti li tikkonvinċi lill-Qorti illi effettivament il-kreditu kien ġie assenjat lil xi ditta jew kumpannija (fn. 16: ġie eskluż kategorikament mill-attur kif ukoll minn ibnu David Busuttil fix-xhieda tagħhom illi l-kreditu dovut lill-attur ġie assenjat lil persuna jew soċjetà oħra jew li qatt ma kien hemm il-ħsieb li d-dritt tal-attur għall-ħlas tal-ammonti pendenti jgħaddu lil terzi – ara affidavit ta' David Busuttil, ippreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2017) fosthom Busuttil Group Limited jew Sailon Group Limited u għaldaqstant, ma tistax, f'dan l-istadju preliminari fejn l-istħarriġ tagħha qiegħda tiġi kondotta fil-qafas ta' eċċezzjoni dwar nuqqas ta' interess ġuridiku u mhux dwar il-mertu ta' min effettivament huwa l-kreditur tal-ħlas pretiż, teskludi lill-attur* de proprio *għandu jedd għall-ħlas tal-ammonti pretiżi f'din il-kawża.*

*Fi kwalsiasi każ, dan l-interess ġuridiku tal-attur ikompli jiġi manifestat minn diversi dokumenti esebiti mill-istess attur, fosthom Dok. MGLM001 li jikkonsisti f'korrispondenza mibgħuta lill-attur personalment mis-soċjetà konvenuta, kif ukoll korrispondenza mibgħuta mill-attur personalment għan-nom tas-soċjetà konvenuta*

*lil APS Bank Limited, b'diversi kontijiet tan-negozju tagħha annessi (fn. 17: ara wkoll fol. 324); Dok. MGLM004, konsistenti f'*annual return *tas-soċjetà konvenuta ffirmat b'mod diġitali minn Saviour Busuttil fis-27 t'Awwissu, 2013 (fn. 18: ara xhieda ta' Martin Spiteri (15.3.2017), Segretarju tal-*Accountancy Board*, li kkonferma illi Saviour Busuttil u l-attur Silvio Busuttil huma l-istess persuna); dok. MGLM007 li huwa* Director Report *maħruġ mis-soċjetà konvenuta fid-9 t'Awwissu, 2013, fejn jingħad illi "*The auditor, Silvio Busuttil, has intimated his willingness to continue in office", *fost dokumenti oħrajn.*

*Iżda fuq kollox, id-direttur innifsu tas-soċjetà konvenuta, Giovanni Briffa, jikkonferma fix-xhieda tiegħu illi kien l-attur Silvio Busuttil li ħejja u sottometta d-dokumenti esebiti bħala Dok. MGLM001 sa Dok. MGLM008 u li kien jaħdem il-kontijiet tas-soċjetà konvenuta. (fn. 19:* "Kien hemm intoppi fejn ma kompliex jaħdmilna Silvio Busuttil ..."*). B'żieda ma' dan, l-istess Giovanni Briffa xehed li Silvio Busuttil kien ippresta l-aħħar servizzi tiegħu lis-soċjetà MG Linea Moda Limited, f'Marzu 2014 u xehed ukoll hekk:* "Għax jiena Silvio kien jieħu ħsieb MG Home Interiors, MG Linea Moda u tiegħi personali" *mingħajr ma semma fl-ebda waqt fix-xhieda tiegħu, illi kienet il-kumpannija jew ditta Sailon Group jew Busuttil Group li kienet qiegħda tippresta dawn is-servizzi professjonali lis-soċjetà konvenuta.*

*B'żieda ma' dan kollu, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-ittra datata 1 ta' Settembru, 2012 (fn. 20: fol. 282) u dik datata 1 ta' Marzu, 2013, entrambi mibgħuta mill-attur proprio lil APS Bank Limited għan-nom tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll it-tliet pagamenti li saru mill-istess konvenuta permezz ta'* cheques *intestati lill-attur, mill-istess soċjetà konvenuta, dokumenti li jkomplu jassodaw l-interess ġuridiku evidenti tal-attur proprio fl-azzjoni odjerna kif minnu proposta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kif ukoll jikkorroboraw il-verżjoni tal-attur illi s-servizzi tiegħu ta' konsulenza, kontabbilità u awditjar li ġew prestati lis-soċjetà konvenuta u li l-ħlas tagħhom qed jiġi reklamat f'din il-kawża, ġew hekk prestati minnu u mhux minn kumpannija jew entità oħra.*

*Kemm hu hekk, mill-provi u* ***anke b'referenza biss għall-fatturi u*** **statement of account** ***prodotti fl-atti mis-soċjetà konvenuta nnifisha*** *(fn. 21: Dok. CSH u dokumenti a fol. 9 sa 15 tal-atti) il-Qorti fehmet illi s-servizzi li tagħhom l-attur qed jintalab il-ħlas f'din il-kawża ġew reżi minn ħadd ħlief l-attur de proprio u għalkemm jista' jkun li, kif ingħad, it-talbiet għall-ħlas ħarġu sussegwentement fuq* letterhead *tad-ditta Busuttil Group jew Sailon Group, u li dawn it-talbiet għall-ħlas saru minn ditta jew kumpannija u mhux mill-attur de proprio, dan ma jnaqqas assolutament xejn mill-interessi tal-attur li jmexxi 'l quddiem b'azzjoni għall-ħlas tal-ammonti dovuti*

*għal dawn is-servizzi, servizzi li mhuwiex effettivament kontestat li ġew reżi mill-attur innifsu.*

*Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni sejra tiġi respinta.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tistħareġ l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li l-obbligazzjoni għall-ħlas ta' servizzi mertu tal-kawża hija milquta minn kawża illeċita kif imfisser fl-Artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel darba li s-soċjetà konvenuta tfisser li eċċezzjoni tagħha għandha wkoll il-fondament fl-Artikoli 10 u l-Artikolu 18A tal-Kap. 281 (Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy), hija fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.*

*Illi l-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku (fn. 22: art. 990 tal-Kap. 16) u jinsab ritenut illi obbligazzoni li għandha causa illeċita, mhijiex biss mhijiex protetta mid-dritt ta' azzjoni, imma hija tabilħaqq nulla.*

*Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Brian Richard Andrews vs Alfred Borg****, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:-*

"Skont l-art. 987 tal-Kap 16 - 'L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett'. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti għall-eżekuzzjoni tal-mandat u ċioe li jittrasferixxu l-fond de quo lill-atturi. Jgħid Laurent (Vol. XXVII Para. 402) - "*Quando il fatto è illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; è una obbligazione fondata su causa illecita, poiché la causa si confonde con l'oggetto dei contratti; e quando la causa è illecita l'obbligazione è 'inesistente e non può avere alcun effetto."*

*Is-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tibda biex tagħmel referenza għall-artikolu 10 tal-Kap. 281 u tikkontendi illi b'applikazzjoni ta' dan il-provvediment legali, "*biex ditta tal-accountancy teżerċita l-prattika ta' ditta ta' awditjar, din tkun meħtieġa li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika ta' awditjar u għandha tadempixxi dawk il-kondizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu preskritti f'direttivi maħruġin mill-Bord."

*L-artikolu 10 tal-Kap. 281 jipprovdi hekk:-*

> "(1) Meta żewġ persuni jew aktar ikunu fi ħsiebhom jaħdmu flimkien bħala accountants, huma jistgħu jiffurmaw ditta ta' accountancy li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika tal-accountancy:

> Iżda biex ditta tal-accountancy teżerċita l-prattika ta' ditta ta' awditjar din tkun meħtieġa li jkollha bħala wieħed mill-iskopijiet ewlenin tagħha l-prattika tal-awditjar u għandha tadempixxi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti f'direttivi maħruġin mill-Bord taħt dan l-Att minn żmien għal żmien:
>
> Iżda wkoll ditta tista' tipprovdi servizzi oħra bla ħsara għall-konformità f'kull waqt mar-regoli dwar xettiċiżmu, l-indipendenza u l-etika professjonali stabbiliti fil-Kodiċi ta' Etika u f'kull regolament, direttiva jew linja gwida oħra maħruġin skont l-artikolu 8."

*Is-soċjetà konvenuta tissottometti illi mill-provi jirriżulta illi filwaqt illi kienet is-soċjetà tal-attur, Busuttil Group Limited, li qabel kienet reġistrata taħt l-isem Sailon Group Limited, li "*kienet irrendiet is-servizzi ta' accountancy u ta' awditjar u li kienet qed tirreklama l-ħlas għas-servizzi minnha reżi", *l-istatut ta' din is-soċjetà (fn. 23: Dok. CG1 a fol. 158 tal-atti: kopja tal-istatut u l-artikoli tal-assoċjazzjoni tas-soċjetà Busuttil Group Ltd) jistipola illi l-oġġett ewlieni tal-kumpannija "*shall be to provide Technology and Business Management Consulting and other related activities". *Madanakollu, il-Qorti tossserva minnufih illi, kif diġà ġie stabbilit iktar qabel fil-konsiderazzjonijiet marbutin mat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, huwa eskluż mill-provi li s-servizzi ta'* accountancy *u awditjar li l-ħlas tagħhom qed jintalab f'din il-kawża, ġew prestati mis-soċjetà Sailon Group Ltd (li sussegwentement bidlet isimha għal Busuttil Group Ltd). Dan għaliex il-kumpannija MAR Group Ltd, bin-numru ta' reġistrazzjoni C-63049, bidlet isimha għal Sailon Group Ltd biss fis-17 ta' Frar, 2015 filwaqt li kien biss fl-10 ta' Marzu, 2016 li isem din il-kumpannija ġie mibdul għal Busuttil Group Ltd: dan kollu* ***in segwitu*** *għat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet u t-twaqqif tal-prestazzjoni tas-servizzi ta' awditjar u* accountancy *li l-ħlas tagħhom qed jiġi mitlub f'din il-kawża, fis-sena 2014. Ġie stabbilit ukoll illi l-ismijiet Sailon Group u Busuttil Group kienu biss ismijiet tan-negozju u mhux ditti ta'* accountancy *jew awditjar, ismijiet li lanqas jirriżulta li kienu jintużaw mill-attur matul il-perijodu tar-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet. Kif stabbilit mix-xhieda tal-attur, dak iż-żmien, sa Diċembru 2014, huwa kien jipprattika l-professjoni ta'* accountant *u awditur f'ismu proprju. (fn. 24: dan huwa ulterjorment affermat mill-*email *Dok. KG, fol. 49).*

*Għaldaqstant, l-oġġetti dikjarati fl-Istatut bħala l-iskop ewlieni tal-attività kummerċjali tal-kumpannija Sailon Group Limited jew Busuttil Group Limited, ma jista' jkollhom l-ebda rilevanza għall-fini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 10(1) tal-Kap. 281 il-kumpannija bin-numru C-63049 ma tirraffigura imkien matul il-perijodu tal-prattika ta'* accountancy *u awditjar mertu ta' din il-kawża. Dan ifisser illi l-iskopijiet u*

*oġġetti tal-attività kummerċjali ta' din il-kumpannija huma wkoll immaterjali għad-determinazzjoni dwar jekk is-servizzi prestati lis-soċjetà konvenuta ġew hekk prestati kontra l-liġi. (fn. 25: fir-rigward, għandu jiġi osservat ukoll illi mid-dokument li esebiet is-soċjetà konvenuta nnifisha – Dok. CG1 – jirriżulta illi meta l-kumpannija bin-numru C-63049 biddlet l-isem minn Sailon Group Ltd għal Busuttil Group Ltd, l-istatut eżistenti sa dak iż-żmien ġie mħassar u ġie sostitwit bl-istatut il-ġdid li tagħmel referenza għaliha s-soċjetà konvenuta in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni tagħha mingħajr, iżda, ma ressqet prova tal-istatut anteċedenti tal-kumpannija biex jintwera li l-oġġetti jew skopijiet tagħha kienu identiċi għal dawk dikjarati fl-istatut il-ġdid, Dok. CG1).*

***Iżda barra minn hekk, jiġi osservat ukoll illi imkien mill-provi ma jirriżulta illi fiż-żmien li ġew reżi s-servizzi ta' awditjar u* accountancy *mertu tat-talba għall-ħlas, l-attur kien ifforma ditta ta'* accountancy *jew ditta ta' awditjar ma' persuna oħra u kien qiegħed jaħdem flimkien ma' persuna oħra jew persuni oħrajn****, kif prospettat fl-imsemmi provvediment legali. Effettivament, hija nieqsa l-prova tar-rekwiżit essenzjali ta'* "żewġ persuni jew aktar (li) jkunu bi ħsiebhom jaħdmu flimkien bħala accountants" *kif del resto inhuwa meħtieġ mil-liġi biex l-ismijiet tan-negozju Busuttil Group jew Sailon Group, jitqiesu bħala* "ditta" *għall-fini tal-Kap. 281. Jingħad ukoll illi huwa eskluż illi Susan Fiteni kienet tifforma parti minn xi ditta ta'* accountancy *jew awditjar flimkien mal-attur, għaliex fix-xhieda tagħha għamlitha ċara li hija* self-employed *u li x-xogħol u l-fatturi l-oħra kienu joħorġu fuq Silvio Busuttil u mhux f'isem xi kumpannija. (fn. 26: imbagħad mill-provi jirriżulta illi David Busuttil, bin l-attur, huwa inġinier mhux* accountant *jew awditur). Fuq kollox, mix-xhieda ta' Martin Spiteri ġie ppruvat illi l-attur għandu* warrant *biex jipprattika l-professjoni ta'* accountant *kif ukoll biex jagħti servizzi ta' awditur,* **mingħajr ebda riżerva jew limitazzjoni f'dan il-warrant *jew fil-modalitajiet ta' prattika ta' dawn iż-żewġ professjonijiet.***

*Għall-kompletezza, fir-rigward tas-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta fin-nota tagħha illi ma nġabitx prova illi s-soċjetajiet Sailon Group u Busuttil Group kienu awtorizzati mill-awtorità kompetenti jew kienu jissodisfaw il-ħtiġijiet oħrajn tal-liġi fil-Kap. 281, biex joffru servizzi ta'* accountancy *jew awditjar lis-soċjetà konvenuta, il-Qorti tqis illi filwaqt illi kif appena stabbilit, hija nieqsa l-prova illi l-imsemmija ismijiet tan-negozju kienu jikkostitwixxu* "ditta" *għall-finijiet tal-Kap. 281, f'kull każ hija s-soċjetà konvenuta nnifisha li messet ressqet il-provi meħtieġa biex turi li l-allegata ditta ma kinitx kwalifikata biex tipprattika l-*accountancy *jew l-awditjar.*

*Fir-rigward, imbagħad, tal-Artikolu 18A tal-Kap. 281, li s-soċjetà konvenuta tagħmel referenza għalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha in sostenn tal-argument illi l-*

*attur qatt ma seta' legalment jipprovdilha servizzi ta'* accountancy *u, fl-istess waqt, servizzi ta' awditjar, dan jipprojbixxi l-forniment ta' servizzi mhux tal-awditjar lil entità ta' interess pubbliku. Fost dawn is-servizzi mhux ta' awditjar projbiti, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 18A jinkludi servizzi fiskali relatati mat-tħejjija tal-formola tat-taxxa u żamma tal-kotba u t-tħejjija tar-rekords kontabilistiċi u dikjarazzjonijiet finanzjarji. Mill-provi jirriżulta li dawn is-servizzi kienu jiġu prestati mill-attur lis-soċjetà konvenuta b'żieda mas-servizzi ta' awditjar. (fn. 27: ara xhieda ta' Susan Fiteni kif ukoll dokumenti mmarkati Dok. MGLM005, fost oħrajn)*

*Madanakollu, il-Qorti tosserva mhux billi illi ma ġiex ippruvat li s-servizzi li l-ħlas tagħhom qed jintalab f'din il-kawża ġew prestati* "statutorjament" *jew illi s-soċjetà konvenuta hija* "entità ta' interess pubbliku" *(fn. 28:* "Entità ta' interess pubbliku" *hija definita fl-artikolu 2 tal-Kap. 281 bħala* "entità regolata mid-dritt ta' Stat Membru li t-titoli trasferibbli tiegħu huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat minn kwalunkwe Stat Membru ..."*), talli din id-dispożizzjoni legali ġiet miżjuda fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy *permezz tal-Att XXXVI tal-2016. Għalhekk, stabbilit illi l-attur ippresta servizzi ta' awditjar u kontabilità ferm qabel l-introduzzjoni fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni legali, il-projbizzjoni invokata mis-soċjetà konvenuta ma tolqotx il-forniment tas-servizzi prestati mill-attur.*

*Konsegwentement, billi ma jirriżultax il-vjolazzjoni tad-divjet impost mil-liġi fil-prestazzjoni tas-servizzi ta' awditjar u* accountancy *mertu ta' din il-kawża, żgur li l-obbligazzjoni għall-ħlas ta' dawn is-servizzi mhijiex mibnija fuq kawża illeċita skont kif imfisser fl-Artikolu 990 tal-Kodiċi Ċivili.*

*In konklużjoni, kwantu għall-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-operat tal-kumpanniji Sailon Group Limited u Busuttil Group Limited huwa* "affettwat mill-illeċitu" *il-Qorti tirribadixxi illi mkien ma ġie riskontrat fl-atti xi prova illi dawn il-kumpanniji jew xi waħda minnhom operaw bi ksur tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, proprju għaliex ma jirriżultax li dawn il-kumpanniji jikkostitwixxu ditta ta'* accountancy *għall-fini tal-liġi fil-Kap. 281 jew kienu joperaw bħala tali, wisq inqas kienu ditta ta'* accountancy *li teżerċita l-prattika ta' ditta ta' awditjar. Għalhekk, mhuwiex ippruvat illi l-obbligazzjoni tal-ħlas għal dawn is-servizzi, in kwantu mhumiex servizzi forniti minn ditta ta'* accountancy *jew ditta tal-awditjar, u lanqas servizzi forniti minn xi waħda mill-kumpanniji appena msemmija, hija magħmula minn kawża illeċita.*

*Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta mhijiex tajba u qiegħda tiġi respinta.*

*Ikkunsidrat;*

*Fit-tielet eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni u tinvoka in sostenn tal-eċċezzjoni, l-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni b'għeluq ta' sentejn fil-każ ta':*

ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu ...".

*Illi n-natura ta' azzjoni hija determinata mit-tfassil tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża u f'dan il-każ, minn qari tar-rikors promutur, huwa evidenti illi l-attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-għoti ta' servizzi professjonali kontra obbligu ta' ħlas. L-azzjoni għaldaqstant issib il-fondiment tagħha fuq il-kawżali ta' ksur tal-obbligu da parti tas-soċjetà konvenuta billi skont l-attur, hija naqset li tħallsu għas-servizzi li huwa pprestalha matul il-perijodu relattiv. Effettivament, l-azzjoni li mexxa 'l quddiem l-attur tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas għal servizzi professjonali ta'* accountancy *u awditjar mogħtija minnu lis-soċjetà konvenuta fis-snin 2012, 2013 u 2014 u dan skont kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti mis-soċjetà konvenuta nnifisha. (fn. 29: Dok.CSH, Dok. CSH1 u dokumenti a fol. 10 sa 15 tal-atti). Mhux kontestat illi dawn is-servizzi professonali ngħataw fuq talba tas-soċjetà konvenuta.*

*Billi ż-żmien tal-preskrizzjoni jitqies b'referenza għall-azzjoni kif imfassla - u fil-każ in diżamina l-azzjoni odjerna hija għall-ħlas ta' servizzi professjonali mogħtija fuq bażi kontinwa matul is-snin 2012, 2013 u 2014 - il-Qorti għandha tistħarreġ qabel xejn jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun ġie eċċepit mis-soċjetà konvenuta f'dan il-każ ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni.*

*Jinsab paċifikament ritenut (fn. 30:* ***Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello –*** *Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża 13 ta' Marzu, 2009) illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'każ affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni mhijiex altrimenti sospiża ai termini tal-artikoli 2123 et seq tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk ikun iddekorra, ġiex interrott għal motiv prospettat mil-liġi u dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni.*

*Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita mill-konvenut, mhijiex dik applikabbli għall-azzjoni, mhuwiex il-kompitu tagħha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, għaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni* ex officio *mill-Qorti tal-preskrizzjoni. (fn. 31: artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili). In-natura odjuża tal-eċċezzjoni tesiġi wkoll li tingħata*

*interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.*

*In tema ingħad hekk:-*

"In kwantu għal min jispetta li jressaq il-prova meħtieġa, fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, hija regola ewlenija fil-proċedura li, il-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni (il-konvenut), u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li għadda ż-żmien, jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddielha ż-żmien utili biex tressaq il-kawża, u dan minn meta dik il-kawża setgħet titressaq (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-30 ta' Ottubru, 2003), fil-kawża fl-ismijiet Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr Maria Deguara noe). Ingħad għalhekk ukoll li meta konvenut jeċċepixxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, imiss lilu li jipprova li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun għalaq jew skada … Iżda jekk dan jiġi ppruvat, imiss imbagħad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien ġie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza Paolo Calleja v. Luigi Vella (Appell Ċivili deċiża fil-15 ta' April, 1964)." (*fn. 32:* ***Carmlu Limited (C 18879) v. Joseph Cachia*** *- deċiża mill-Qorti tal-Appell, 29.3.2019).*

*Fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, is-soċjetà konvenuta qajmet il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili li jirregola l-azzjonijiet ta' persuni professjonisti għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu. Fost dawn il-professjonisti, il-Qorti tqis li hemm l-awdituri u l-persuni li jipprattikaw il-professjoni ta'* accountancy *u fil-fehma tagħha, iż-żmien preskrittiv li jgħodd f'azzjoni bħal dik li għandha quddiemha llum, huwa ż-żmien ta' sentejn maħsub fl-Artikolu 2149(ċ). Applikat għal dan id-dispost tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss.*

*L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li:*

"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinate ad estinguere …".

*Jgħidu wkoll illi:-*

"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allore

puramente eventuale." (*fn. 31: cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione (Cap. XII, §364, paġ. 279).*

*Fil-każ in diżamina, ma ġiet riskontrata l-ebda prova min-naħa tas-soċjetà konvenuta li kien hemm xi ċirkostanza lil hinn mill-volontà tagħha li żammitha milli tmexxi 'l quddiem l-azzjoni għall-ħlas. Inoltre, il-Qorti tosserva illi mill-atti ma jirriżultax li l-partijiet qatt kienu ftiehmu li l-attur kellu jitħallas wara perijodu miftiehem ta' żmien jew wara li jsir ċertu xogħol ta' awditjar jew* accountancy *pre-stabbilit. Għall-kuntrarju, mill-atti jidher li, kull tant żmien, wara li l-attur kien ippreżenta* "requests for payment" *lis-soċjetà konvenuta, din tal-aħħar kienet tagħmel xi pagament akkont. Il-liġi tgħid li, fil-każ tal-prestazzjonijiet professjonali, iż-żmien minn meta tibda miexja l-preskrizzjoni tas-sentejn jibda minn dakinhar tal-konsulti, att jew xogħol ieħor (fn. 34: art. 2149(3) tal-Kodiċi Ċivili) b'mod illi kull fornitura tikkonsisti f'negozju separat u indipendenti. Minn dan isegwi illi ż-żmien tal-preskrizzjoni f'dan il-każ kien jibda jgħaddi minn kull darba li l-attur ta l-konsulti jew ippresta s-servizzi tiegħu, biż-żmien tal-preskrizzjoni jitqies li jgħodd minn dakinhar li ġie reż is-servizz partikolari li għalih qed jiġi reklamat il-ħlas u mhux minn meta l-attur iddeċieda li jitlob il-ħlas formalment. Fil-fehma tal-Qorti, id-data tat-talba għall-ħlas hija immaterjali għall-fini tad-determinazzjoni tad-data li minnha l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, ċioe d-data minn meta l-preskrizzjoni għandha titqies li bdiet tiddekorri, għaliex dak li huwa rilevanti huwa* ***d-data minn meta ġie effettivament reż is-servizz jew fornitura li tat lok għall-obbligu għall-ħlas.***

*Ikkunsidrat;*

*L-attur jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jikkontendi illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin minħabba dak maħsub fl-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili. Dan jipprovdi illi f'każ li l-kreditu jkun pretiż f'każ ta' kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni, xogħlijiet, servizzi, jew qadi ieħor u l-kreditu jkun jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-għeluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni. L-attur isostni illi l-pagamenti li saru akkont tal-prestazzjonijiet professjonali reżi minnu, permezz ta' diversi* cheques *fosthom l-iktar wieħed riċenti datat 28 ta' Awwissu, 2013, għandhom jiswew bħala* "kont aċċettat" *mis-soċjetà konvenuta bil-konsegwenza illi minkejja l-applikazzjoni għall-azzjoni għall-ħlas ta' dawn is-servizzi, ta' xi waħda mill-preskrizzjonijiet qosra msemmija fl-artikoli 2147* et sequitur *tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni ma taqax bl-għeluq taż-żmien tal-preskrizzjoni qasira applikabbli, iżda b'għeluq ħames snin.*

*Huwa minnu illi s-servizzi professjonali prestati mill-attur ġew reżi fuq bażi "*ongoing*" u kien hemm kontinwazzjoni tal-istess servizzi fuq bażi frekwenti u li dawn issoktaw fuq medda ta' sentejn sħaħ, kif* del resto *jidher mid-diversi fatturi maħruġin mill-attur li fihom* entries *dwar xogħlijiet varji ta' konsulti, kontabbilità, awditjar u oħrajn. Madanakollu, il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi* ***ma tistax taqbel mal-attur illi l-pagament magħmul mid-debitur akkont ta' servizzi li jissoktaw, jista' jitqies bħala l-aċċettazzjoni tal-kont jew bħala dikjarazzjoni bil-miktub ta' aċċettazzjoni tal-kreditu pretiż mill-attur u reklamat f'din il-kawża****. Huwa assodat in materja illi l-aċċettazzjoni tal-kreditu da parti tad-debitur irid jirriżulta b'mod inekwivoku b'xi sura ta' għarfien tal-kreditu pretiż jew dikjarazzjoni bil-miktub mid-debitur li tistqarr l-istess kreditu, bħal per eżempju, annotazzjoni dwar id-debitu fil-kontijiet tas-soċjetà konvenuta.* ***Iżda żgur ma jistax jingħad li l-pagamenti akkont ta' servizz - liema pagament ikun ġie imbagħad, allokat mill-kreditur lil partita ta' xogħol partikolari - isarrfu f'għarfien tal-kreditu <u>kollu</u> pretiż.*** **Multo magis** ***fil-każ in diżamina fejn ma jirriżultax illi l-pagamenti li ressaq prova tagħhom l-attur, kienu akkompanjati minn xi dikjarazzjoni, wisq inqas rikonoxximent, dwar xi pretensjonijiet li għadhom pendenti. Għall-Qorti, is-sempliċi pagament parzjali magħmul akkont ta' kreditu dovut fuq kontinwazzjoni ta' fornituri jew servizzi, ma jfissirx illi d-debitur ikun irrikonoxxa b'dikjarazzjoni bil-miktub, il-kreditu kollu pretiż u lanqas li jkun aċċetta l-kont tal-kreditu li jkun għadu pendenti.***

*Għall-kuntrarju ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi ż-żmien preskrittiv li jgħodd għal din l-azzjoni li għandha quddiemha llum, mhuwiex ħlief dak stipolat fl-Artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16, ċioe ta' sentejn liema żmien, kif diġà stabbilit, jibda jgħodd minn dakinhar li ġie pprestat is-servizz jew ix-xogħol partikolari li jkun qed jintalab ħlas tiegħu.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta għamlet xi pagamenti, inkluż permezz ta'* cheques*, akkont tal-fatturi li kienu jinħarġu għall-ħlas tas-servizzi prestati mill-attur. Dan jirriżulta mill-i*statement of account *Dok. CSH esebit mis-soċjetà konvenuta (fn. 35: fol. 9) kif ukoll mill-i*statement *Dok SBPR08. (fn. 36: fol. 174. Datat 4/3/2014).* ***Iżda jirriżulta ukoll illi l-attur akkredita dawn il-pagamenti lil fatturi speċifiċi u ma qishomx bħala ħlasijiet li saru akkont b'mod ġenerali****. Minn eżami tal-atti huwa ppruvat illi s-soċjetà konvenuta għamlet pagamenti permezz ta' tliet* cheques *fis-somma ta' €500, €214.80 u €400 u pagament f'kontanti fis-somma ta' €500. (fn. 37: ara Dok. SBPR08, fol. 174,* entry *tal-31 ta' Lulju, 2013), jidher li ġew allokati mill-attur akkont (fn. 39:* "Payment on Account"*. Sar ukoll pagament f'kontanti akkont tal-*

*fattura SB20182, fil-31 ta' Lulju, 2013 - fol. 174, Dok. SBPR08), tal-ammonti mitluba fil-fatturi relattivi indikati fl-imsemmi* statement*: bl-ewwel pagament isir permezz ta'* cheque *datat 20 ta' Ġunju, 2013 (fn. 40: fis-somma ta' €500, ara Dk. SBPR08* (statement) *u* cheque *Dok. SBPR09 a fol. 175), it-tieni pagament isir fis-6 t'Awwissu, 2013 (fn. 41:* cheque *fis-somma ta' €214.80 – Dok. SBPR10, fol. 176) u bl-aħħar pagament isir permezz ta'* cheque *datat 28 t'Awwissu, 2013. (fn. 42: fis-somma ta' €400, Dok. SBPR 11, fol. 177). Mill-provi ma jirriżultax illi din l-imputazzjoni partikolari tal-ħlas saret għaliex ġie hekk mitlub mis-soċjetà konvenuta, iżda ma jirriżultax lanqas illi hija ma aċċettatx din l-imputazzjoni espressa tal-ħlas li saret mill-attur anke jekk effettivament, ma jidhirx li l-attur alloka l-pagamenti kollha lill-iktar debiti antiki in linea tar-regoli tal-imputazzjoni tal-ħlas li nsibu fl-Artikolu 1171 tal-Kodiċi Ċivili.*

***Għall-Qorti din l-imputazzjoni partikolari tal-ħlasijiet akkont li saru mis-soċjetà konvenuta, ifisser illi l-pagamenti magħmula mis-soċjetà konvenuta jistgħu jitqiesu bħala rikonoxximent tal-kreditu pretiż mill-attur biss kwantu għall-partiti ta' xogħol u servizzi li l-ħlas tagħhom intalab permezz tal-fattura speċifika li lilha ġie imputat il-ħlas****. Magħdud dan il-fatt li, kif diġà ġie stabbilit il-preskrizzjoni tapplika għal kull partita ta' dejn individwali, il-Qorti tqis illi l-pagamenti akkont effettwati mis-soċjetà konvenuta iservu bħala interruzzjoni jew ksur tal-preskrizzjoni biss kwantu għall-azzjoni għall-ħlas tal-bilanċ li baqa' pendenti fuq dik il-fattura partikolari wara li jinqata' l-ħlas parzjali (fn. 43: il-fatturi SBPR01 (ref. SB120182 datat 12/11/2012) u SBPR 04 (ref. SBD130023 datat 28/08/2013), a fol. 167 u 170 rispettivament, ġew saldati pjenament bl-allokazzjoni tal-pagamenti kif magħmul mill-attur skont* statement *SBPR08 (fol. 174), ċioe l-fattura SB130046 (fn. 44: Dok. SBPR02, fol. 168. Invoice datata 11/3/2013).*

*Jiġi osservat illi l-partijiet jaqblu u l-attur, speċifikament, xehed illi r-relazzjoni professjonali bejniethom intemmet f'Marzu 2014 meta l-attur ippresta l-aħħar servizzi favur is-soċjetà konvenuta. Dan huwa sostanzjat mill-i*statement of account *esebit mill-attur stess (Dok. SBPR08) li jindika l-aħħar* entry *bħala 4 ta' Marzu, 2014. Huwa minnu li fl-atti ġew esebiti* requests for payment *b'*entries *dwar servizzi li jidher illi jirreferu għax-xhur ta' wara Marzu 2014 iżda l-Qorti tosserva illi dawn kienu servizzi ta'* "strategy advisory" *u* "projections" *(fn. 45: ara* request for payment *a fol. 14 u fol. 88, u Dokument C7,* request for payment *a fol. 33) u għalhekk ma jfissirx illi dawn ġew attwalment reżi f'dawk ix-xhur partikolari anke għaliex* ***kien l-attur innifsu li afferma darbtejn fix-xhieda tiegħu*** *(fn. 46: ara xhieda tal-attur 6 ta' Diċembru, 2017 u affidavit Dok. SBPR13, ippreżentat fit-28 ta' Marzu, 2019, fol. 166)* ***li s-servizzi baqgħu jingħataw sa Marzu 2014***. Multo magis *meta wieħed jiftakar illi skont kif xehed David Busuttil, l-*entries *dettaljati saru minnu ħafna żmien wara li s-servizzi ġew*

*attwalment reżi, f'tentattiv li jintlaħaq kompromess mas-soċjetà konvenuta biex tħallas il-pendenzi dovuti.*

*Iżda anke kieku wieħed kellu jimxi mal-aħħar pagament effettwat mis-soċjetà konvenuta akkont tas-servizzi pprovduti mill-attur li sar fit-28 ta' Awwissu, 2013, dan iservi biss biex jinterrompi l-preskrizzjoni f'dik id-data bil-konsegwenza li ż-żmien għall-preskrizzjoni jerġa' jibda jiddekorri minn dakinhar. Kif stabbilit, dan iż-żmien huwa ta' sentejn u għalhekk, kwantu għas-servizzi reżi sat-28 t'Awwisu, 2013, iż-żmien għall-preskrizzjoni għalaq fit-28 ta' Awwissu, 2015. Kwantu għal dawk is-servizzi li ġew reżi in segwitu għat-28 ta' Awwissu, 2013 u sal-4 ta' Marzu, 2014, kull partita ta' dejn dovut għas-servizz relattiv taqa' preskritta bl-għeluq ta' sentejn mid-data li fiha ġie reż is-servizz bir-riżultat li fl-aħjar ipotesi għall-attur, l-iktar data mġebbda li fiha ż-żmien tal-preskrizzjoni jista' jitqies li għalaq, hija l-4 ta' Marzu, 2016.*

*Jispetta għalhekk lill-attur iressaq prova illi dan iż-żmien ġie interrott bi ħlas akkont jew b'mezz ieħor li jiswa għall-ksur tal-preskrizzjoni. Effettivament, l-attur ressaq prova huwa interpella lis-soċjetà konvenuta permezz ta' ittra ġudizzjarja ppreżentata fis-27 ta' Lulju, 2016 għall-ħlas tas-somma bilanċjali li kienet baqgħet pendenti u li ġiet reklamata f'din il-kawża, liema att ġie notifikat lill-istess soċjetà konvenuta fis-7 ta' Settembru, 2016. (fn. 47: ara kopja legali tal-ittra uffiċjali bin-Numru 1913/2016, fol. 178 (Dok. SBPR12).* ***Iżda hawnhekk, jirriżulta b'mod evidenti illi ż-żmien ta' sentejn sija mid-data li fiha ġew reżi s-servizzi li baqgħu ma tħallsux u sija wkoll mid-data tal-aħħar interruzzjoni taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni*** *(fn. 48: ċioe mill-aħħar pagament akkont li sar fit-28 t'Awwisu, 2013)* ***kien diġà laħaq iddekorra qabel ġiet ippreżentata din l-interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas.***

*Il-Qorti tosserva illi anke jekk għal mument, minħabba l-kwantità ta' kontijiet differenti esebiti in atti fi forom varji u b'diverġenzi bejniethom, wieħed kellu jaċċetta illi l-aħħar servizzi li ġew reżi mill-attur ġew ipprestati għax-xahar ta' Lulju 2014* "Business Strategy Advisory for the month of July 2014" *(fn. 49: ara Dokument C8 a fol. 35 esebit mill-attur innifsu (€87.50)) u għax-xahar ta' Awwissu, 2014 kwantu għal "*Accounting (2014) for the months of January to August 2014" (*fn. 50: Dokument A4, fol. 107 u fol. 138 fis-somma ta' €808.74. Ara wkoll l-istess* entry *fir-*request for payment *a fol. 13 u fol. 87), fi kwalsiasi każ jirriżulta illi dawn l-*entries *jikkuntrastaw irrikonċiljabbilment max-xhieda tal-attur li s-servizzi li huwa ta lis-soċjetà konvenuta kienu sa Marzu 2014. Il-Qorti ma tistax twarrab din ix-xhieda u fir-rigward ta' kunflitt fil-provi tal-attur fir-rigward, tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti*

*tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005, fil-kawża fl-ismijiet* ***Austin Psaila vs Lother Slabick:-***

"Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiżiti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Żgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, għandu l-kompitu li jiddeċiedi "iuxta allegata et probata." Tajjeb li hawn jiġi mfakkar illi, kif drabi oħra deċiż, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza mhijiex li għandha tiġi miċħuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li għandha tiġi akkolta, peress li l-pożizzjoni ġuridika tkun li mentri jkun fatt li għadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX P.I p. 989). Għaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun ċar u espliċitu (Kollez. Vol. XXXVIII P.III p. 723)."

*Il-Qorti tirribadixxi wkoll illi huwa immaterjali l-fatt illi l-attur ikun talab il-ħlas għal dawn is-servizzi diversi xhur qabel effettivament twettaq is-servizz u ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi illi effettivament, l-azzjoni għall-ħlas setgħet tiġi eżerċitata mill-attur dakinhar li jkun ġie reż is-servizz u mhux mid-data meta għoġbu jagħmel it-talba għall-ħlas. Għalhekk, mhux rilevanti l-fatt illi l-attur ħareġ fattura biex jitlob il-ħlas għal servizzi reżi fis-sena 2013 u fis-sena 2014, fil-31 ta' Diċembru, 2014 (fn. 51: fol. 14,* request for payment *datat 31.12.2014) u fis-7 ta' April, 2016. (fn. 52: ara Dokument C8, fol. 35).*

*Dan kollu jwassal lill-Qorti biex tqis illi l-interruzzjoni li saret permezz tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata mill-attur fis-27 ta' Lulju, 2016 mhijiex effikaċi bħala interruzzjoni taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni għaliex dan iż-żmien li laħaq skada irrimedjabbilment, fl-aħjar ipotesi għall-attur, f'Marzu 2016 bl-għeluq ta' sentejn mid-data tal-iktar fornitura ta' servizzz riċenti.*

*Il-Qorti in konklużjoni tosserva wkoll illi s-soċjetà konvenuta fl-ebda waqt matul din il-kawża addottat pożizzjoni difensjonali jew ressqet xi eċċezzjoni li hija kunfliġġenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew b'xi mod ieħor poġġiet ruħha fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.*

"Dan jiġri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu jew taċ-ċaħda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, iżda tas-sempliċi kontestazzjoni tal-ammont ... Konformement bħal fil-każ tal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, eċċezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja għall-

preskrizzjoni li tkun ġja kompjuta." *(fn. 53: vide* ***Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited****, deċiża fit-28 ta' April, 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*

*Il-Qorti fl-istess sentenza appena ċitata, għamlet referenza għal dak li jgħallem it-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67):-*

*"...* quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l-ammontare dovuta, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione."

*Fil-każ in diżamina, is-soċjetà konvenuta osservat ukoll illi d-dettami tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili illi jiddisponi minn min irid jipprevalixxi ruħhu mill-preskrizzjoni* brevi *taħt* inter alia*, l-Artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili, għandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jagħti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur. Dan, id-direttur tas-soċjetà konvenuta, Giovanni Briffa, wettqu meta xehed minn jeddu fit-13 ta' Frar, 2019 u kkonferma li ma għandu jagħti xejn lill-attur.*

*In vista ta' dan kollu, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva biex tqis li l-azzjoni tal-attur waqgħet bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili mill-interruzzjoni li seħħet mid-data tal-aħħar pagament akkont u konsegwentement, hija tista' tieqaf hawn mingħajr ħtieġa li tkompli tindaga dwar il-mertu tat-talba attriċi u tar-raba' eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-25 ta' Ġunju, 2021, l-attur talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u tvarja u tirrevoka l-istess sentenza billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, u tiddikjara li l-azzjoni odjerna mhijiex milquta mill-preskrizzjoni abbażi tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16, filwaqt li tordna li l-atti jintbagħtu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jitkomplew il-proċeduri fil-mertu.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bis-sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti, għaliex din tidher li ma ħaditx konsiderazzjoni ta' fatti li jirrendu l-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili applikabbli għall-każ. Qal li fl-ewwel lok irid jiġi stabbilit

jekk kienx hemm *"kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor"* kif tikkontempla l-liġi, u dan għandu jirriżulta ċar mid-diversi dokumenti esebiti min-naħa tiegħu, kif ukoll mis-soċjetà appellata, minn fejn jirriżulta ċar li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda kontinwa, *ongoing.* Qal li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li Giovanni Briffa għan-nom tas-soċjetà appellata, ċaħad li l-istess soċjetà kellha tagħti lill-appellant. L-appellant qal li din iċ-ċaħda m'għandhiex mill-verità, u dan għandu jirriżulta ċar minn eżami kemm tal-provi, kif ukoll tad-dokumenti esebiti, kemm mis-soċjetà appellata li qed tgħid li lilu m'għandha ttih xejn, u mill-fatt li tali rikonoxximent jirriżulta ampjament ippruvat mill-fatt li s-soċjetà appellata għamlet pagament fit-28 t'Awwissu, 2013. L-appellant qal li għandha tiġi eżaminata l-kredibbilità o meno taċ-ċaħda min-naħa tas-soċjetà appellata, li jista' jingħad li kienet l-unika raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu. L-appellant qal li Giovanni Briffa ma jistax jiġi emmnut meta min-naħa waħda jgħid li s-soċjetà appellata m'għandha tagħti xejn lill-appellant, u min-naħa l-oħra huwa ma jiċħadx li s-soċjetà appellata għamlet pagament akkont, liema fatt jindika li kien hemm relazzjoni kontinwa bejn il-partijiet. L-appellant qal li waqt is-smigħ tal-kawża, is-soċjetà appellata esebiet diversi kontijiet, u għamlet pagament akkont tagħhom. Kompla jgħid li ladarba ġie stabbilit li ċ-ċaħda ta' Giovanni Brifffa m'għandhiex titqies bħala waħda valida u kredibbli, allura l-unika teżi aċċettabbli li jifdal, hija li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mis-soċjetà appellata għandha tiġi miċħuda. L-appellant ikkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ hija dik ta' ħames snin.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Is-soċjetà appellata ppreżentat ir-risposta tagħha fit-8 ta' Ottubru, 2024, fejn qalet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Settembru, 2021 hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li hija ġiet innotifikata bir-rikors tal-appell tal-appellant fit-18 ta' Settembru, 2024, jiġifieri kważi tliet snin wara li l-appellant intavola r-rikors tal-appell tiegħu, u dan għaliex l-appellant kien qiegħed jipprova jinnotifikaha f'uffiċċju ġewwa Birkirkara, minkejja li hija ilha li mexxiet l-operat tagħha lejn uffiċċju f'Ħal Luqa. Is-soċjetà appellata qalet li proċeduri fi grad ta' appell għandhom jiġu magħluqa fi żmien perentorju ta' sena, u dan it-terminu jibda għaddej minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza appellata, f'dan il-każ mill-25 ta' Ottubru, 2021. Is-soċjetà appellata qalet li l-fatt li hija ġiet notifikata tliet snin wara d-data tal-preżentata tar-rikors tal-appell, u għalhekk il-proċedura bil-miktub bejn il-partijiet baqgħet mhux magħluqa, ifisser li dan l-appell għandu jiġi dikjarat deżert *ope legis.* Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-appell tal-appellant huwa frivolu u vessatorju, u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

8. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li sabiex jiġi applikat it-terminu ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-kreditu allegat irid jirriżulta minn *"kont aċċettat mid-debitur"* jew inkella minn *"dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub".* Qalet li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda aċċettazzjoni ta' xi kont da parti tagħha kif tirrikjedi l-liġi, u għalhekk l-artikolu 2151(2) tal-Kap. 16 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. L-appellata qalet li l-pagamenti li saru, kienu dwar *requests for payment* partikolari, u mhux akkont tal-ammont li seta' kien dovut, u għalhekk dan mhux

każ fejn hemm ammissjoni ta' dejn sħiħ jew aċċettazzjoni tal-kontijiet kollha li l-appellant qed jgħid li kienu dovuti. Qalet li l-appellant mhux qiegħed jipprovdi xi prova dwar kont aċċettat jew dwar dikjarazzjoni bil-miktub tad-debitur, sabiex b'mod konkret jinvoka l-applikabilità tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2151 tal-Kodiċi Ċivili, u minflok jittenta jattakka l-kredibbilità taċ-ċaħda tagħha għad-dejn allegat. Is-soċjetà appellata qalet li l-Ewwel Qorti kienet ċara fil-konklużjoni tagħha, u ħadet konsiderazzjoni tal-fatti, tant hu hekk li sabet li l-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili mhux applikabbli għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-appellata qalet li t-terminu preskrittiv applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huwa dak ta' sentejn, li jibda jgħodd minn dakinhar li ġie pprestat is-servizz li qiegħed jintalab il-ħlas għalih, u mhux minn dakinhar li jkun intbagħat il-kont a tenur tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.

9. Is-soċjetà appellata qalet li waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2017, l-appellant xehed bla tlaqliq li huwa pprestà s-servizzi tiegħu sa Marzu tal-2014, l-*accounting* għamlu minn Diċembru 2012 sa Marzu 2014, l-*audits* għamilhom għas-snin 2012-2013, it-*tax returns* għamilhom għall-*year of assessment* 2013 u l-konsulenza mal-banek saret fis-snin 2012, 2013 sa Marzu 2014. Qalet li minkejja li hija kkontestat dan il-fatt, u Giovanni Briffa fix-xhieda tiegħu qal li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiċċat fl-2013, l-appellant kellu sa Marzu 2016 sabiex jieħu azzjoni u jitlob il-ħlas għall-allegati servizzi pprestati minnu. Qalet li l-ebda prova ma nġabet li l-perijodu preskrittiv ta' sentejn ġie interrott b'mezz li jiswa għall-ksur tal-preskrizzjoni, u għalhekk għandu jirriżulta b'mod evidenti li t-terminu preskrittiv laħaq iddekorra.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà appellata. Imma qabel xejn, il-Qorti sejra tikkunsidra l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, li dan l-appell kellu jitqies li huwa deżert *ope legis,* għaliex il-proċeduri bil-miktub bejn il-partijiet baqgħu mhux magħluqa għal perijodu ta' aktar minn sena. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellata baqgħet ma ġietx notifikata bir-rikors tal-appell għal tliet snin sħaħ. L-artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> "(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.
>
> ...
>
> (3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża mhumiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew notifika.
>
> (3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux."

11. Minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, joħroġ ċar li l-fatt waħdu li jkun għadda ż-żmien perentorju ta' sena minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell, u l-proċeduri bil-miktub f'kawża jibqgħu mhux magħluqa, mhuwiex biżżejjed sabiex il-Qorti tiddikjara li l-appell mar deżert. Il-Qorti tista'

tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex jiġi evitat milli l-appell imur deżert minħabba xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' xi proċedura jew formalità. Fil-każ odjern ma setgħetx issir in-notifika tas-soċjetà appellata bir-rikors tal-appell tal-appellant, 'il għaliex is-soċjetà appellata kienet ġiet ikkanċellata mir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-18 ta' Mejju, 2021. Minħabba f'hekk l-appellant kellu jistitwixxi proċeduri quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Kummerċ fil-konfront tar-Reġistratur tal-Kumpanniji (nru. 23/2022 ISB), u fl-24 ta' Mejju, 2024 ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ġie ordnat sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' MG Linea Moda Ltd (C 57258) fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk din titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru. Pendenti l-eżitu tal-imsemmijia proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Kummerċ, is-smigħ ta' dan l-appell kien sospiż sakemm isem MG Linea Moda Ltd (C 57258) reġa' jiddaħħal fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, u din setgħet tiġi notifikata bl-atti ta' dan l-appell. Għal din ir-raġuni, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellata li dan l-appell kellu jitqies li mar deżert *ope legis.*

*L-Aggravju:* *[Hemm ċirkostanzi li jirrendu l-artikolu 2151(2) tal-Kap. 16 applikabbli għall-każ odjern]*

12. L-appellant jgħid li fl-ewwel lok, irid jiġi stabbilit jekk kienx hemm *'kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor'* kif tikkontempla l-liġi, qabel jiġi deċiż li t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' sentejn. Qal li minn eżami tal-provi prodotti in atti, kellu jirriżulta li s-servizzi ġew ipprestati minnu fuq bażi kontinwa (*ongoing*), u tul ir-relazzjoni

bejn il-partijiet, is-soċjetà appellata għamlet diversi ħlasijiet akkont. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti żbaljat għaliex jidher li sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha li l-preskrizzjoni kkontemplata fl-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili ma tapplikax, din straħet fuq ix-xhieda ta' Giovanni Briffa, liema xhieda l-appellant jgħid li ma tantx kienet kredibbli.

13. Il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak regolat bl-artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16, li jirregola l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġiniera ċivili u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu, kif tikkontempla l-liġi. L-Ewwel Qorti qieset li l-azzjoni tal-appellant hija bbażata fuq il-fatt li huwa ppresta s-servizzi professjonali tiegħu kontra l-obbligu tal-ħlas, u s-servizzi professjonali tal-*accountancy* u tal-awditjar jaqgħu taħt il-professjonijiet jew l-arti liberali regolati bl-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tax-xhur jew snin li l-appellant qiegħed jippretendi ħlas, L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li t-terminu preskrittiv ta' sentejn kien diġà skada minn dakinhar li l-appellant kien ippresta l-aħħar servizz tiegħu, sad-data meta huwa interpella ġudizzjarjament lis-soċjetà appellata sabiex tersaq għall-ħlas li huwa jippretendi li huwa dovut lilu.

14. L-appellant jinsisti li fil-każ odjern kellu japplika t-terminu preskrittiv ta' ħames snin, kif regolat bl-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili, u dan għaliex kien hemm kontinwazzjoni fil-fornituri jew fis-servizzi pprestati minnu. L-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

"Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħlijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-għeluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni."

15. L-Ewwel Qorti qieset li m'hemmx dubju li fil-każ odjern is-servizzi ġew ipprestati fuq bażi kontinwa. Imma qieset ukoll li pagament akkont ta' servizzi li jissoktaw, ma jistax jitqies bħala aċċettazzjoni tal-kont jew bħala dikjarazzjoni bil-miktub tal-aċċettazzjoni tal-kreditu pretiż mill-appellant, u b'hekk ir-rekwiżiti kkontemplati fl-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili ma jirriżultawx sodisfatti. L-Ewwel Qorti qalet li l-pagamenti akkont ta' servizz ma jsarrfux f'għarfien tal-kreditu kollu pretiż, u li sempliċi pagament parzjali akkont ta' krediti dovuti fuq servizzi kontinwi, ma jfissrux li d-debitur ikun irrikonoxxa d-debitu b'dikjarazzjoni bil-miktub.

16. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalu l-Qrati tagħna propjru dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili f'ċirkostanzi simili. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander Ciantar *vs.* Hotels Administration Limited**[1], il-Qorti osservat illi:

*"Strettament, l-enfasi li jagħmel l-appellant jirrigwarda maġġorment, għall-portata u effett tiegħu, it-tieni subinċiż tal-artikolu 2151. In suċċint dan jgħid illi fejn tirriżulta l-aċċettazzjoni tad-debitur, minn kont jew dikjarazzjonijiet oħra bil-miktub, allura f'każ bħal dan ta' somministrazzjonijiet, servizzi, xogħlijiet, l-azzjoni ma taqax ħlief bil-preskrizzjoni ta' ħames snin dekorribbli mid-data tal-kont jew tad-dikjarazzjoni.*

*Minn dan kollu fil-każ in eżami ma nsibu xejn. La jirriżulta li kien hemm wegħda ta' ħlas u lanqas rikonoxximent tad-debitu u għalhekk ma jistax jingħad li saret rinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita jew li din saret trasformata f'dik ta' ħames snin b'xi approvazzjoni impliċità tas-soċjetà konvenuta. Tali trasformazzjoni, bħall-*

[1] App. Inf., 20.10.2003.

> *interruzzjoni, għandha tiġi pruvata minn min jallegaha u mhux minn min jirreżistiha (Kollez.* ***Vol. VI p. 140)****. Il-fatt tal-esebizzjoni tal-kont, mingħajr provi oħra korroborattivi u konklużivi, ma jġibux din it-trasformazzjoni. Anke kieku stess dan il-kont intalab mis-soċjetà konvenuta dan ma jfissirx neċessarjament illi hi ammettiet il-pretensjonijiet tal-attur (Kollez.* ***Vol. XXXIII p. I. P. 285****). Dan għar-raġuni sempliċi illi r-rikonoxximent ta' kull debitu kellu jkun ċar u espliċitu* ***(Vol. XXXVIII p.III p. 723; "Carmelo Attard et nomine -vs- Domenic Micallef et noe"****, Appell, 19 ta' Novembru, 2001)."*

17. Il-leġislatur impona żewġ rekwiżiti għat-tħaddim tat-terminu preskrittiv ta' ħames snin, jiġifieri li jrid ikun hemm *'kont aċċettat mid-debitur'* u *'dikjarazzjoni tad-debitur bil-miktub'.* Is-soċjetà appellata tgħid li fil-każ odjern la kien hemm kont li ġie aċċettat minnha, u lanqas ma kien hemm dikjarazzjoni tagħha bil-miktub. Din il-Qorti taqbel li ħlas għal xi servizz partikolari ma jammontax għall-aċċettazzjoni tal-kont jew għal xi forma ta' dikjarazzjoni da parti tad-debitur bil-miktub, u f'dan is-sens qiegħda taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti. Mill-atti jirriżulta li kwalsiasi ħlas li sar mis-soċjetà appellata, sar għal *requests for payment* speċifiċi, u mhux akkont tad-dejn kollu li jista' talvolta jkun dovut, u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li kien hemm aċċettazzjoni tad-dejn kollu kif pretiż mill-appellant min-naħa tas-soċjetà appellata, għaliex mill-provi ma jirriżultax li dan huwa l-każ. Din il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti, li l-preskrizzjoni li jaħseb għaliha l-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili ma ssibx applikazzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-terminu ta' sentejn. Ladarba l-appellant eżerċita l-jeddijiet tiegħu ferm wara li kien għadda t-terminu preskrittiv, l-azzjoni ttentata minnu hija waħda preskritta, kif korrettement iddeċidiet l-Ewwel Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**